MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2003

Numru. 273/2003

PULIZIJA
SPETTUR ABRAHAM ZAMMIT
VS
MARY MONTEBELLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Mary Montebello ta’ 62 sena mart Carmelo (mejjet) bint Salvu Cumbo (mejjet) u Guzeppa nee Tabone imwielda Zejtun fl-4 ta’ Mejju 1936 u toqghod Redent, 9, Triq Dun Gwann Barbara, Tarxien ID349036M talli fil-11 ta’ Marzu 2002 u f’dawn l-ahhar sentejn fil-fond Redent, 9, Triq Dun Gwann Barbara, Tarxien bhala detentrici ta’ l-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandha f’idejha l-imsemmi fond b’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

Ikkommetta serq ta' kurrent eletrriku li jammonta ghal izjed minn hames mija u mhux iktar minn elf lira maltin ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalfiikat bil-mezz, hin u valur.

Ghamel hsara jew kissret parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirizulta illi fl-1 ta' Marzu 2002 fl-10.15am ufficjali tal-Enemalta ghamlu spezzjoni f'fond 9, Triq Dun Gwann Barbara, Tarxien u cioe fir-residenza tal-imputata.

F'din l-ispezzjoni C Pace ufficjal tal-Enemalta sab l-gasket fejn jiffittja l-cover maltrattat ssuspettat li seta kien qed jsir serq tal-kurrent tal-elettriku u ghalhekk informa lill-pulizija u infethet inkjesta fejn gie nominat Hugh Camilleri bhala Espert.

Mary Montebello rrilaxxat stqarrija dok AZ, li fiha xehdet illi romlot ghaxar snin ilu, u li kienet ilha tirrisjedi fil-fond ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena.

Nnegat li hija jew xi hadd jigi minnha baghbsu il-meter.

Fl-istqarrija taghha Montebello xehdet illi hija ma tantx tkun id-dar ghaliex tqatta hinijiet twal ghand il-qraba taghha u anki torqod hemm. Stqarriet illi l-kontijiet ftit li jvarjaw b'xi differenzi zghar bejn ix-Xitwa u s-Sajf. Kienet

vocifera hafna fic-cahda taghha ghal akkuza ta' tbaghbis tal-meter.

Illi ix-xhieda ta' Silvio Decelis hija kardinali f'dan il-kaz fis-sens li tenna li l-ufficjal tal-Enemalta ma kienux ghamlu surprise inspection f'dan il-kaz izda bhala routine reading.

Illi Decelis ezamina r-records kollha tal-imputata li thallas kera u kellha "record impekkabbli" – anki fuq il-meter il-gdid li wahhlu l-enemalta.

Stqarr fix-xhieda tieghu "Zgur fil-konfront taghha (tal-imputata) din is-sinjura ma hemmx illi hija setghet serqet l-elettriku" u l-uniku pretensjoni li jista jkollha l-Enemalta Corporation kien ghal meter gdid li ma jiswiex aktar minn Lm10.

Mistoqsi mill-Qorti allura ir-raguni ghaliex l-imputata giet mitluba thallas Lm250 deposit inkella tibqa bla elettriku, Decelis ma setghax jirrispondi.

Hugh Camilleri li xehed li l-meter kellu hsarat zghar ma setax jikkonferma meta sehhu l-hsarat u ma eskludiex il-fatt illi dawn setghu saru aktar minn ghaxar snin ilu.

Illi ix-xhieda tal-uficjal li ghamlu l-ispezzjoni hija konflingenti fis-sens li fix-xhieda moghtija fl-inkjesta Bugeja xehed illi l-meter kellu l-gasket spustjat u ma xehed xejn fuq l-istat tas-sigilli u imbaghad fil-kumpilazzjoni xehed illi is-sigilli "kienu qishom imbaghbsin" u mistoqsi precizament dwar din l-anomalija xehed li "jista jkun kont zbaljat."

Ikkunsidrat:-

Illi fid-dawl ta' dawn it-tip ta' provi din il-Qorti m'ghandha ebda esitazzjoni li tillibera lill-imputata mill-akkuzi kif dedotti, aktar u aktar meta fix-xhieda taghha stess tiddikjara bl-aktar mod car illi hija ma tifhem xejn fl-elettriku u l-anqas plug ma taf tbiddel.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputata mhux hatja skond l-akkuza u tilliberaha u tirrakomanda lill-Enemalta jirifondu l-Lm250 depositu li esigiet kontra din l-armla mill-aktar fiss possibbli.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------